**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A28-09

ta' Marzu 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/28**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 26 ta' Marzu 2009, fis-2.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni tat-Trial Balance sa Jannar 2009 u *Budget* 2009/2010
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Korsijiet tal-Kompjuter u ta' *Crafts Co-Ordinator*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjoni ta' tlett Computers u TFT għall-Uffiċċju Amministrattiv u 4 *Laptops* għall-*Activites Centre*
8. Diskussjoni u Approvazzjoni t'Implimentazzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kontroll tal-Ħamiem
9. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar il-kuntratt eżistenti ta' *patching and kerb re-instatement works*
10. Laqgħa tal-Lokalita'
11. Jum il-Gżira
12. Affarijiet Oħra
13. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

30 t’ April 2009

Ref Nru.Klg5/028

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/28 li saret il-Ħamis 26 ta’ Marzu 2009.

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D’Argens Gżira fis-2.00 p.m.

Preżenti

Erba’ membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter minħabba mpenn ta’ xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-23 ta’ Marzu 2009

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 12 ta’ Frar 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru: 5 – il-paragrafu ta’ qabel ta’ l-aħħar irid jinqara kif ġej:

Il-Viċi-Sindku qal, li kull proġett jkollu l-varjazzjonijiet tiegħu u staqsa lill-Kunsillier Ian Micallef jekk:

i. kellux dubju fix-xogħol tal-Perit jew

ii l-*issue* ta' *cost over runs* kienitx *issue* ta' kull kuntratt abbinata ma' kull proġett u ma' kull kuntrattur, jiġifieri kienux qed jgħidu li qed jibżgħu minn dan il-kuntrattur partikulari jew qed jibżgħu mill-*cost over runs* fil-prinċipju jew kellhomx dubju li l-Perit qed jagħmel *under estimation* tal-*cost*. Huwa kompla jgħid, li dawn il-punti kien qed iressaqhom biex jipprova jifhem l-*issue* mqajma.

Din l-emenda tressqet mill-Viċi-Sindku.

**1.3.** Paġna Nru: 5 fis-sitt paragrafu, wara l-kelma 'Kumitat' jridu jiżdiedu l-kliem 'b'mod unanimu'

Din l-emenda tressqet miċ-*Chairman*.

**1.4.** Paġna Nru: 6 fir-raba' paragrafu l-Kunsillier Anthony Abela ġibed l-attenzjoni sabiex il-kelma teleq titranġa u ssir telaq.

Dawn l-emendi ġew issekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2. Materji Konnessi**

**2.1.** Rigward il-fondi ta' Ħadd Għalik, il-Kunsill ġie nfurmat li l-persuna responsabbli, s-Sur Ryan Schembri kien imsiefer iżda, talab lill-Kunsill jagħmel kuntatt mas-Sur Darren Micallef li kien responsabbli mill-*accounts* iżda, sal-ġurnata tal-laqgħa kemm it-telefonati kif ukoll, l-*e-mails* baqgħu ma ġewx imwieġba.

**2.2.** Paġna 2 para 2.2. is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-*Expression of Interest* kienet ġiet ippubblikata u data ta' l-għeluq kienet it-3 t'April 2009 f'nofs in-nhar.

Il-Viċi-Sindku staqsa xi proċedura kienet ser tittieħed wara d-data ta' l-għeluq.

Iċ-*Chairman* qal, li tiġi addottata l-istess proċedura bħal ma sar fil-każ ta' l-għażla tal-librara jiġifieri jiġi kompost Kumitat ad hoc magħmul mis-Sindku bħala *Chairman*, il-Viċi-Sindku u Kunsillier elett f'isem il-Partit Nazzjonalista. Huwa kompla jgħid, li l-*interviews* isiru wieħed wieħed.

**2.3.** Paġna 2 para 2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rigward il-fondi mill-U.I.F. għall-aħħar parti tal-*Housing Estate* u s-*Central Strip* kienu quddiem iċ-*Chairman* tal-M.E.P.A. minħabba li għalissa hemm xi problema finanzjarja. Hi kompliet tgħid, li Marisa Darmanin qalet, li kif ikun hemm il-*go-ahead*, il-Gżira ser tkun minn ta' l-ewwel li tirċievi dawn il-fondi.

**2.4.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill kien irċieva *cheque* għall-ammont ta' €9,544 liema ammont, kien jirrappreżenta pagament ta' *surplus funds* f'proporzjon ta' numru ta' kontravenzjonijiet maħruġin mill-Gwardjani Lokali u l-Pulizija għall-perjodu 1 ta' Settembru 2008 sat-28 ta' Frar 2009.

**2.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol fil-Ġnien kien miexi sew kif ukoll, il-planki tal-konkos għas-saqaf tal-Latrina Pubblika kienu ser jitpoġġew l-Erbgħa 1 t'April 2009, u kien hemm il-probabilita' li l-Kunsill ma kienx ser iħallas għalihom.

Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-*mobile toilets* għandhom jinħasslu aktar frekwenti.

**2.6.** **Paġna Nru: 2 para 2.4.** rigward il-*gravel* tas-*Central Strip*, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li meta tkellem ma' Dott Cuschieri ta' l-*Environmental Landscapes Consortium*, dan ta' l-aħħar qallu li kien ser jipprova jraħħas il-prezz u kif il-ħaddiema jlestu s-*Central Strip* tax-Xatt, jnaddfu wkoll is-*Central Strip* ta' ħdejn il-*Yacht Marina,* proċedura li kienet ser tiġi addottata fuq bażi regolari minkejja li din ma kienitx tifforma parti mill-kuntratt.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-26 ta' Marzu 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jintbagħat l-ammont ta' €28.00 kif mitlub fl-ittra mibgħuta mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura datata 17 ta' Marzu 2009, rigward il-wirja annwali '*The Great Spring Show'* li ser issir is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Mejju 2009.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jingħata l-ammont ta' €100 lid-Dar tal-Providenza b'referenza għall-ittra mibgħuta mill-Liċeo tas-Subien, Ħamrun rigward il-Maratona bir-Roti bl-iskop li jinġabru fondi għal skopijiet umanitarji.

**3.5.** Inqrat ittra mibgħuta mill-ETC datata 20 ta' Marzu 2009, rigward *Community Work Scheme* li kienet tħabret fil-*Budget 2009.*

L-ETC kienet qed toffri numru ta' ħaddiema li jaħdmu tletin siegħa fil-ġimgħa, fl-liema oqsma l-Kunsill jkollu bżonnhom u l-ħlas isir minn naħa ta' l-ETC.
Għaldaqstant, il-Kunsill kien mitlub li jibgħat sa mhux aktar tard mid-9 t'April 2009,

i. in-numru ta' persuni meħtieġa
ii fl-liema oqsma l-Kunsill jkollu bżonnhom
iii il-post ta' fejn ser isiru x-xogħlijiet
iv is-snajja u/jew kwalifiki meħtieġa
v id-dati tal-bidu u t-tmiem tax-xogħol

Intbagħat ukoll, invit għall-laqgħa li kienet ser issir il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2009, fit-3.00 p.m. dwar din il-materja fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li għaliha kienu ser jattendu l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra l-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri xi tip ta' trasport, u liema snajja għandhom dawn il-ħaddiema, ġie deċiż, li wara l-eżitu tal-laqgħa, napplikaw għall-persuna klerikali biex tmexxi l-*Activities Centre*, persuna li tieħu ħsieb il-manutenzjoni skont il-bżonn tal-Kunsill u żewġ persuni oħra biex jagħmlu xogħol ġenerali ta' tindif fit-toroq.

**3.6.** Inqrat ittra mibgħuta mid-ditta Hoffmann & Mahadea datata 23 ta' Marzu 2009, dwar talba għal *aluminium moveable stand* fix-Xatt tal-Gżira, faċċata ta' Triq Bouverie biex isservi lit-turisti ta' lukandi tal-lokalita' biex jinbiegħu biljetti għal diversi attivitajiet.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill unanimament laqa' din it-talba sakemm id-ditta hawn fuq imsemmija timxi mal-kundizzjonijiet li huma:

li timxi skont il-*Bye Laws* li kopja tagħhom ingħatat lil din id-ditta

il-ħlasijiet kollha jridu jsiru mid-ditta u jsiru minn qabel għall-perjodu kollu mitlub

id-ditta trid tkun responsabbli mill-manutenzjoni ta' l-i*stand*

id-ditta ser tkun responsabbli jekk l-i*stand* tikkawża xi ħsara lil terzi jew propjeta' pubblika jew lit-tnejn

qabel ma joħroġ il-permess, trid tiġi depożitata garanzija bankarja ta' €500 favur il-Kunsill Lokali Gżira liema garanzija titħallas fuq l-ewwel avviż li joħroġ il-Kunsill minħabba nuqqas ta' manutenzjoni, tindif u ħsarat.

ma tkunx ta' *eyesore* matul il-perjodu mitlub

il-permess jkun validu biss sakemm id-ditta jkollha l-permessi kollha meħtieġa maħruġa mill-Awtoritajiet kompetenti partikularment il-MEPA, il-Pulizija u l-*Health & Safety*.

**3.7.** Rigward talba għall-installazzjoni ta' *tower crane* fi Triq Ponsonby mid-ditta *Stivala Operators Ltd*., skont *fax* mibgħuta mill-Perit, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni kemm -il darba din id-ditta jkollha l-permess tal-MEPA (li skont il-Perit, dan kien għadu ma nħariġx) u timxi ma' r-regoli ta' l-ADT jiġifieri li jitħalla passaġġ ta' 5.5. metri sabiex ikunu jistgħu jgħaddi makkinarju goff fis-żewġ direzzjonijiet opposti.

**3.8.** Inqrat ir-risposta mibgħuta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-każ tal-Kunsillier Joe Camilleri li sofra danni fuq il-vettura privata tiegħu in konnessjoni mal-qadi ta' dmiru bħala Kunsillier.

Iċ-*Chairman* qal, li prova 'l hinn minn kull dubju qatt ma jkun hemm u fuq bilanċ ta' probabilita' fuq il-qagħda ta' dak iż-żmien, kien dak li wassal lid-Dipartiment biex ngħidu li dawk kienu r-raġunijiet. Huwa kompla jgħid, li jekk id-Dipartiment iħossu sodisfatt li tali danni saru fil-konfront ta' l-imsemmija propjeta' ta' Kunsillier in konnessjoni mal-ħidma tiegħu u l-Kunsill jaqbel li jimborża l-ispejjeż abbinati, huwa jħoss li għandu l-barka tad-Dipartiment li l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu mingħajr aktar mistoqsijiet u għaldaqstant, kien qed jipproponi li l-Kunsillier Joe Camilleri jiġi rimburżat l-ammont dovut.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jiġi rimburżat l-ammont dovut lill-Kunsillier Joe Camilleri. Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsillier Joe Camilleri jrid jippreżenta stima kemm lis-Sindku kif ukoll, lis-Segretarju Eżekuttiv.

**3.9.** Tressqet ir-*renewal of insurance policies* għall-perjodu 1 t'April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn ġew annalizzati uħud mill-figuri kif ukoll, il-Kunsill ġie nfurmat li trid issir *insurance policy* għall-*Activities Centre*, il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu lill-istess ditta sabiex tagħti stima li tkopri kemm il-poloz attwali kif ukoll, dik ta' l-*Activities Centre* wara li l-Kunsill kellu jivverifika jekk il-polza ta' l-assigurazzjoni tkunx ukoll għall-bini minħabba li hu kien l-inkwilin u mhux is-sid.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li wara li jiġu vverifikati l-punti hawn fuq imsemmija, dawn il-poloz jiġu rinovati għat-tnax –il xahar li jmiss.

**3.10.** Saret referenza għan-notifika ta' l-att ġudizzjarju mibgħuta mill-Qorti datata 12 ta' Frar 2009, li l-Kunsill irċieva mill-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar għan-nom tal-klijenti tiegħu s-Sinjuri John u Josephine Borg Manduca sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' dan l-att, il-Kunsill Lokali jħallas l-ammont ta' €260 li jirrappreżentaw ħsarat wara nċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-22 ta' Jannar 2009, fi Triq ix-Xatt Gżira waqt li l-mittenti Josephine Borg Manduca kienet qed issuq il-vettura tagħha u li kopja tagħha ntbagħtet lill-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods.

Inqrat ir-risposta li l-Avukat Woods bagħat lill-Avukat Mark Mifsud Cutajar li kienet tgħid li l-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli għall-allegati ħsarat sofferti mill-klijenti tiegħu u għalhekk, il-Kunsill kien qed jiddifidahom milli jipproċedu ulterjorment kontrih u kien qed iżommhom responsabbli għall-ispejjeż li jista' jsofri minħabba l-aġir tagħhom.

**3.11.** Rigward ittra mibgħuta mill-iskola ta' Santa Monika rigward materjal dwar *Health & Safety* preparat mill-istudenti sabiex jiġi ppubblikat fil-gazzetta tal-Kunsill, ġie deċiż li jikkuntattjahom il-Viċi-Sindku.

**3.12.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 1027 sa Nru. 1084 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni wkoll, l-ammont ta'

€250. pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għar-reġistrazzjoni ta' ħames membri tal-Kunsill għall-laqgħa li ser issir is-Sibt 25 t'April 2009 għall-Kunsillieri tar-Reġjun Majjistral

€136.76 *invoice* 75307 - *J.Lautier Co. Ltd*

€22,415.22 *on a/c – Polidano Bros – embellishment* tal-Ġnien

€15.84 - *Pageant Group* għall-servizz ta' Gwardian Lokali

€4,672.80 – 40% mill-ammont globali lid-ditta *Steve' Engineering – Lifting Platform Activities Centre* skont il-kuntratt

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 1027 sa Nru: 1084 inkluż ill-ħlasijiet imsemmija f'paragrafu **4.2.** ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Approvazzjoni tat-*Trial Balance* sa Jannar 2009 u *Budget 2009/2010*

### 5.1. *Trial Balance* sa Jannar 2009

Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri preżenti dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi (ara *Appendix* Nru: 2) it-*Trial Balance* sa Jannar 2009, ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

### 5.2. *Budget 2009/2010*

Matul id-diskussjoni li saret rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi (ara *Appendix* Nru: 3) fejn fost affarijiet oħra, l-Viċi-Sindku spjega l-kontenut tal-korrispondenza li rċevejna mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali fejn ġie stipulat, li ċ-ċifri maħruġa għall-manutenzjoni u tindif tat-toroq kif indikati fit-tabella annessa ma' l-istess korrispondenza, jridu bilfors jiġu utilizzati għall-iskop li għalihom ġew mogħtija sakemm, wara talba tal-Kunsill, tingħata awtoriżazzjoni biex jintużaw għal skop ieħor.

Fl-eventwalita' li l-Kunsill jonqos milli jagħmel dak mitlub minnu skont l-obbligi statutorji, tinżamm 4% mit-*tranch* ta' l-allokazzjoni għat-tlett xhur li jkun imiss. Huwa kompla jgħid, li din il-materja kien ser jittraha fil-laqgħa li għaliha kien mistieden il-Kunsill, ma' l-Onor. Dott. Chris Said.

Madanakollu, bħala prinċipju l-*Budget 2009/2010* ġie approvat b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 6. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Korsijiet tal-*Computer* u ta' *Crafts Co-Ordinator*

**6.1.** Rigward is-suġġett sopraċitat (ara *Appendix* Nru: 4) il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu kemm ma' d-ditti TcTc u l-M.I.C.S. Huwa kompla jgħid, li l-pjan tal-Kunsill kien li joffri kors għall-*beginers* lir-residenti. Minkejja l-fatt, li fil-prinċipju ż-żewġ ditti kienu qed joffru l-istess servizz, madanakollu, filwaqt li t-TcTc qasmet l-istudenti f'żewġ setturi jiġifieri *etfal* u *Adult beginners Course*, kull wieħed għall-prezz ta' €1,100, l-M.I.C.S. offriet li għall-prezz hawn fuq imsemmi, tkopri lit-tfal, adoloxxenti u adulti.

Għaldaqstant, wara konsultazzjoni mal-Kunsillier Malcolm Camilleri ġie deċiż li tiġi rrakkomandata d-ditta M.I.C.S. minħabba l-fatt, li l-offerta tiegħu kienet aktar vantaġġjuża.

Iċ-*Chairman* qal, li l-problema tiegħu kienet, kemm kienu ser idumu dawn il-korsijiet.

Il-Viċi-Sindku kien qed jipproponi, li flimkien mal-Kunsillier Malcolm Camilleri, jiltaqgħu mas-Sur Robert J. Mifsud tad-ditta M.I.C.S. u jekk ma jintlaħaqx ftehim, jibdew diskussjonijiet mad-ditta TcTc.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li propona l-Viċi-Sindku b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

### *6.2. Crafts Co-Ordinator*

Il-Viċi-Sindku kien qed jipproponi li meta jinfetaħ l-*Activities Centre*, s-Sinjura Sandra Galea tibda tagħmel żewġ *sessions* fil-ġimgħa ta' sagħtejn kull waħda għal sitt xhur għall-ammont ta' €1165. u fl-istess ħin, il-Kunsill jippubblika *Expression of Interest for Crafts Co-ordinator*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li kien qed jipproponi l-Viċi-Sindku b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjoni ta' tlett *Computers* u *TFT* għall-Uffiċċju Amministrattiv u erbgħa *Laptops* għall-*Activities Centre*

**7.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat (ara *Appendix* Nru: 5)
l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li meta l-Kunsill kien ha din id-deċiżjoni, d-ditta Ray Fenech kienet tagħtu xi kwotazzjonijiet. Huwa kompla jgħid, li sadanintant, il-Kunsill kien bagħat għall-kwotazzjonijiet lil diversi ditti nkluż lid-ditta hawn fuq imsemmija pero', din id-ditta ma kienitx bagħtet ir-risposta sad-data ta' l-għeluq stipulata mill-Kunsill minħabba l-fatt, li l-propjetarju kien tal-fehma li ma kellux għalfejn jerġa' jikkwota.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill talbu biex jerġa' jikkwota minħabba l-fatt, li l-kwotazzjoni tiegħu waslet qabel ma' l-Kunsill ħareġ is-Sejħa għall-Kwotazzjonijiet u għalhekk id-ditta hawn fuq imsemmija, ntalbet terġa' tikkwota mill-ġdid.

Minkejja l-fatt, li l-kwotazzjoni kienet waslet dak in-nhar stess tal-laqgħa, saret referenza għaliha madanakollu, l-offerta ma kienitx l-orħos.

Wara li l-Kunsill reġa' fela bir-reqqa l-i*spreadsheet* li kopja tagħha ntbagħtet lil kull Kunsillier ma' l-Aġenda, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li din il-kwotazzjoni tingħata lid-ditta *Compunet* kif ġej:

*Compunet ACER M464 + TFT* - tlett *computers* - €2,153.00

*Compunet ACER 5735 Home Edition* – erba' *laptops* - €2,320

**8. Diskussjoni u Approvazzjoni t'Implimentazzjoni ta' *Bye Laws* dwar kontroll tal-Ħamiem**

**8.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tiġi mplimentata l-*Bye Law* hawn fuq imsemmija u għalhekk il-Kunsill għandu jgħarraf lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali u wara tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**9. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar il-Kuntratt eżistenti ta' *Patching & Kerb re-instatement Works***

**9.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat, il-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-Kunsill għandu problema bil-kuntrattur għax dejjem iwiegħed li ser ikompli bix-xogħol u sallum kien għadu ma deherx fil-lokalita' minkejja l-fatt, li kien iltaqa' kemm ma' Paul Magro kif ukoll, mal-Perit Sandra Vassallo u żaru diversi toroq. Huwa kompla jgħid, li s-Segretarju Eżekuttiv kienet kuljum ic-ċempel u tibgħat *faxes* jew *e-mails* bħala *reminders* għal liema, l-Kunsill qatt ma rċieva risposta.

Iċ-*Chairman* staqsa lill-Kunsillier hawn fuq imsemmi, jekk f'dan l-istadju, kellux xi proposti x'jagħmel.

Il-Viċi-Sindku qal, li minħabba l-kwestjoni attwali tal-fondi, hemm riskju li l-Kunsill kien ser jitlef il-flus u bla dubju kien jaqbel mija fil-mija li jinħareġ *Tender* ġdid pero', b'forma ta' garanzija bankarja li l-valur tagħha jirrifletti l-ammont tax-xogħol.

Iċ-*Chairman* qal, li abażi ta' dak li ġara matul din is-sena u erba' xhur, kien hemm raġuni suffiċjenti biex jiġi terminat il-kuntratt. Huwa kompla jgħid, li s-servizz ma kienx effiċjenti minħabba l-fatt, li l-kuntrattur abbanduna l-kuntratt u dan ma kienx dak li l-Kunsill kien qed jistenna u jekk ikollu l-appoġġ tal-Kunsill u l-pariri tal-persuni professjonali ngaġġati mal-Kunsill, hu kien tal-fehma, li jiġi terminat dak attwali u jinħareġ *Tender* ġdid.

Huwa staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Perit setax jgħin lill-Kunsill f'din il-materja.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kemm il-*faxes* kif ukoll, l-*e-mails* li ntbagħtu lid-ditta Asfaltar, kollha ġew ikkupjati lill-Perit għaliex bla dubju dan kien il-punt ta' referenza tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li f'dan l-istadju, l-Kunsill ikollu jipprepara *Tender* ġdid pero' jridu jiġu modifikati ċertu punti għalhekk, fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jieħu parir tekniku mill-Perit u parir legali mill-Avukat.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-Perit u ma' l-Avukat u jekk il-pariri jkunu pożittivi, jinħatar Kumitat ad hoc biex jinħareġ *Tender* ġdid u abażi tar-rakkomandazzjoni tagħhom, din il-materja terġa' titressaq quddiem il-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li tissejjaħ laqgħa urġenti.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li ntqal hawn fuq.

B'eżitu tas-sitwazzjoni li żviluppat kif spjegat aktar 'l fuq, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienu ntbagħtu kwotazzjonijiet biex isir il-*patching* urġenti. Hi kompliet tgħid, li tnejn kienu li ssottomettew li kienu:

Polidano Bros. Ltd
Innocenz Farrugia

Għalhekk, tressqu l-B.O.Q. mibgħuta minnhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-ammonti tal-*patching* u tal-bankini jrid ikun sa l-€4,458.75 (Lm2,000) VAT inkluża.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-Kunsill irid jaħdem maż-żewġ kuntratturi, wieħed għall-*patching* u l-ieħor għall-bankini bir-rati tal-B.O.Q. sottomessi.

**10. Laqgħa tal-Lokalita'**

**10.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2009, fis-7.30 p.m., u għalhekk il-Kunsill kellu jaddotta l-proċedura neċessarja jiġifieri:

i. tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnali lokali ta' kuljum

ii tixxandar darba fuq ir-radju Nazzjonali

u dan skont l-Att Nru: XV ta' l-1993 Art 70 (1) għat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

## 11. Jum il-Gżira

**11.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, l-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu l-attivitajiet ta' Jum il-Gżira l-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2009, għandhom ikunu:

Quddiesa li fiha jieħdu sehem Ryan Pace u Christine Barbara

wara

Jiġi nawgurat l-*Activities Centre* li huwa kunċett ġdid fejn il-lokal qed joffri lir-residenti, li aktar milli jistennew li xi ħadd ieħor jorganizza attivitajiet għalihom, ikunu huma li jieħdu l-inizjattiva.

Iċ-*Chairman* qal, li nistiednu lis-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said u lill-membru Parlamentari Dott Stefan Buontempo għall-ftuħ

Matul il-ġimgħa ssir attivita' fil-librerija, u żjara lill-Anzjani tal-lokalita' fid-djar tagħhom, Anzjani residenti fid-dar ta' l-Anzjani fil-Gżira u Anzjani Gżirjani li huma residenti f'San Vincenz de Paule.

## 12. Affarijiet Oħra

**12.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2009, inqala inċident fl-*Activities Centre* li kien involut Vince Pisani, ħaddiem assenjat mal-Kunsill Lokali mill-Gvern Ċentrali minħabba li dan inqabad fil-fatt minn Dott. Bountempo jagħmel bżonn naturali fil-garaxx ta' l-istess propjetarju. Huwa kompla jgħid, li dak in-nhar stess kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb ittra t'apoloġija lil Dott. Buontempo għan-nom tal-Kunsill Lokali u tavża lid-Dipartiment ta' Vince Pisani b'dan il-każ. Huwa qal ukoll, li wara l-inċident tal-*white board*, kien iddeċieda li jifred lil Vince Pisani minn ma' ż-żewġ ħaddiema ta' l-IPSL.

Iċ-*Chairman* qal, li jekk għandha tittieħed xi forma ta' dixxipplina, l-Kunsillier Joe Camilleri kellu l-appoġġ tal-Kunsill u li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill ikellmu bis-serjeta' u jinfurmah li jekk kemm –il darba ma kienx lest li joqgħod għal dak mitlub minnu mill-Kunsill, seta' jitlaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li huwa veru li Vince Pisani huwa persuna arroganti, biss jibqa' l-element uman u għalhekk, il-Kunsill jista' jekk jaqbel, jagħtih *warning* aktar milli jirrappurtah.

Għalhekk ġie deċiż, li s-Sindku flimkien ma' l-Kunsillier Joe Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jitkellmu miegħu wara li dan jidħol mis-*sick leave.*

**12.2.** Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-bnadar ta' barra tal-Kunsill, għandhom bżonn jinħaslu.

**12.3.** Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li fil-25 ta' Marzu 2009, waqt attivita' li saret fis-Sala tal-Komunita', anzjana nqabdet fil-*lift*. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill għarraf lis-Sur Albert Galdes li dan ta' l-aħħar kien taħt l-impressjoni li l-lift kellu *safety unit* għax kien qed iħallas għalih pero', rriżulta li dan ma kienx installat u għalhekk s-Sur Galdes kellu jivverifika dan il-każ.

**12.4.** Il-Kunsillier Anthony Abela ġibed l-attenzjoni dwar l-i*skips* ta' ħdejn ir-ristoranti u qal, li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jiddeċiedi u jieħu azzjoni fuq din il-materja.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li rigward dak li kien qed jgħid il-Kunsillier Anthony Abela, huwa kien għamel ittra li kienet tinkludi l-Avviż Legali li jirregola din il-materja u li sallum, kienet għada ma ttieħdet ebda azzjoni dwarha.

Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jħares lejn l-entitajiet kollha nkluż ir-residenti u ħaġa li laqtitu kienet, li l-Kunsill m'għandux *a holistic vision* iżda *bits and pieces*. Huwa kompla jgħid, li fir-realta' s-sistema ma taħdimx u kien qed jissuġġerixxi li nitkellmu mal-kuntrattur għax kieku l-Kunsill kellu japplika l-liġi fuq l-iskart, isib li ħafna minn nies ma jarfuhomx.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-problema kienet tar-ristoranti u mhux tad-djar u rigward ir-ristoranti, diġa kien hemm liġi li lanqas jidħol fiha l-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li l-liġi dwar l-iskart domestiku ma toħroġx mill-Kunsill għax hemm liġijiet li jikkontrollawhom. Li kien qed jgħid il-Viċi-Sindku kien li rridu nfakkru lir-ristoranti li hemm il-liġi u fl-opinjoni tiegħu, l-aħjar mod kien li nitkellmu b'soluzzjonijiet prattiċi.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill kien qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna iżda, kellu jirrevedi s-sitwazzjoni biex jagħmel *policy* ċara. Huwa kompla jgħid, li ma kellu ebda problema biex tintbagħat l-ittra iżda ġibed l-attenzjoni li l-ittra li bagħat il-Café Jubilee, kienet għada pendenti.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li dawn in-nies (tar-ristoranti) kienu diġa' qed iħallsu għas-servizz pero', l-iskart għandu jinġabar kollu fil-ħin.

Iċ-*Chairman* qal, li dwar din il-materja, rrid isir aktar studju, tiġi formulata *policy* u wara titressaq għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill.

## 13. Laqgħa Oħra

**13. 1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 t' April 2009 fil-5.00 p.m. Din ma saritx l-aħħar Tlieta jew l-aħħar Ħamis tax-xahar kif kien ġie stipulat minħabba l-fatt, li l-Viċi-Sindku kien ser ikun imsiefer.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K084/119/09**

**26 March 2009 KLG5/28**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value €** | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| 1027 | D.O.I. Advert Exp of Int. Accountant | 9.32 | 5823 |
| 1028 | Wise Owl Publications invoice No: 196 2 copies Leggendi Maltin | 11.51 | 5856 |
| 1029 | The Toolbox inv. 8392-8411-8445-8475 8483-8499-8501-8511-8520-8523-8537 8540-8551-8543 | 376.88 | 5857 |
| 1030 | Cleansing Services Dept. invoice GZR06 manuf.4 slabs etc per K037/09 Triq ix-Xatt | 708.00 | 5858 |
| 1031 | Paparukei Catering attivita 08.01.09 | 364.03 | 5859 |
| 1032 | Makaw ironmongery invoice 15184 2 geysers for Office | 164.01 | 5860 |
| 1033 | Venture Trading invoice 12162 - Stationery | 44.46 | 5861 |
| 1034 | Benny's Frame shop invoice 3041 mirror activities centre | 20.00 | 5862 |
| 1035 | Stardelta 3993489-490-492-494-499 4941402-401 | 72.15 | 5863 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1036 | S. Rausi Trading invoice 21057129 Drinking water | 38.97 | 5864 |
| 1037 | Allied Newspapers inv AS1324384 Adv 20/02/09 Exp of Int Accountant | 86.14 | 5865 |
| 1038 | Squire Bookshop inv. 6919 N/papers February 2009 | 32.76 | 5866 |
| 1039 | Grezzju Azzopardi inv.5894 flowers funeral 26.02.09 | 30.00 | 5867 |
| 1040 | C.S.D. Office Trade invoice 25372 stationery | 56.86 | 5868 |
| 1041 | Cleansing Serv. Dept. inv GZR 07 const. of manhole Triq ix-Xatt K042/12/09 | 377.60 | 5869 |
| 1042 | G4S Security Services (Malta) Ltd invoice 030061 – 3 Trips Jan. 09 | 22.69 | 5870 |
| 1043 | Env. L/Scapes Cons. Ltd. Invoice 5026 Feb. 2009 maint. Of soft areas | 2212.92 | 5871 |
| 1044 | GO plc inv.21717927 tel No: 322157 Calls Feb 09 Rent March 09 | 167.35 | 5849 |
| 1045 | GO plc inv.21717116 tel 341616 Calls Feb 09 Rent March 09 | 26.89 | 5850 |
| 1046 | GO plc inv.21717105 tel 334254/341034 calls Feb 09 Rent March 09 | 56.93 | 5851 |
| 1047 | Longbow Ltd inv. 71356 – 200 garbage bags | 37.76 | 5872 |
| 1048 | Land Department – Rent Public Garden 08.03.09 to 07.03.09 | 232.94 | 5873 |
| 1049 | J. Lautier Co. Ltd. Invoice 75131 Activities Centre | 359.00 | 5874 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1050** | **J. Lautier Co. Ltd invoice 75132 Activities Centre** | **252.70** | **5875** |
| **1051** | **J. Lautier Co. Ltd. Invoice 75157 Activities Centre** | **21.31** | **5876** |
| **1052** | **Dr. Ed. Woods legal Advisor – Jan Feb & March 2009** | **494.76** | **5877** |
| **1053** | **Mr. Alfred Portelli Contract Manager Jan – Feb. March 2009** | **745.42** | **5855** |
| **1054** | **Media Link Comm. Inv.040992 advert Exp of Interest Accountant** | **82.13** | **5878** |
| **1055** | **Home & Industry Supp Ltd. Inv.605 Spare bins housing estate** | **115.64** | **5879** |
| **1056** | **Mr. Joe Borg inv. 99 spejjeż papri March 2009** | **46.59** | **5880** |
| **1057** | **Mr. Em. Mifsud inv.2397674 Door to Door Collect. March 2009** | **5590.50** | **5881** |
| **1058** | **Mr. Em. Mifsud inv.2397675 Hire of Skips March 2009** | **432.87** | **5882** |
| **1059** | **Mr. Em. Mifsud inv.2397676 Bulky Service – 138 Calls Feb 2009** | **755.41** | **5883** |
| **1060** | **J.F. Mallia Ltd inv.100 single bollard u globi ġnien** | **58.54** | **5884** |
| **1061** | **J.F. Mallia Ltd inv.104 CO51 Triq Carlo Manche job No: 25** | **43.00** | **5885** |
| **1062** | **J.F. Mallia Ltd inv.105 N005 Triq Giacint Tua job No: 26** | **22.51** | **5886** |
| **1063** | **J.F. Mallia Ltd inv.106 W004 Triq Edgar Bernard Job No: 28** | **25.01** | **5887** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1064 | J.F. Mallia Ltd inv.107 W126 Triq Emm. Giordano Job No: 30 | 37.67 | 5888 |
| 1065 | J.F. Mallia Ltd inv.108 W170 Triq Moroni Job No: 31 | 25.92 | 5889 |
| 1066 | J.F. Mallia Ltd inv.116 Lantern mushroom type P.Meme' Scicluna | 134.35 | 5890 |
| 1067 | Steve R. Farrugia inv.No: 73 Sunday Street Sweeping Feb. 2009 | 378.52 | 5891 |
| 1068 | Steve R. Farrugia inv. No: 77 Cleansing Services for the month of Feb.09 | 4614.48 | 5892 |
| 1069 | Alfa Co. Ltd. Inv. 51584 copies and rent 13.01.09 – 12.02.09 | 115.31 | 5893 |
| 1070 | Greenlines Env. Serv. Inv. 15619 Hiring of 2 mobile toilets Feb. 2009 | 330.40 | 5894 |
| 1071 | S. Rausi Trading Ltd. Inv.H101552 Drinking Water | 51.96 | 5895 |
| 1072 | Mr. D. Attard Laqgħa għas-Sindki Gozo Boat Trip | 15.70 | 5896 |
| 1073 | Union Press Co. Ltd. Inv.43127 Advert Exp of Int. Accountant | 96.14 | 5897 |
| 1074 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.10596 job No: 8488 road markings | 445.73 | 5898 |
| 1075 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.10597 job No: 8486 Road Markings | 132.01 | 5899 |
| 1076 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.10598 job No: 8485 road markings | 478.75 | 5900 |
| 1077 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.10599 job No: 8484 road markings | 216.24 | 5901 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1078** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.10600 job No: 8483 road markings** | **310.86** | **5902** |
| **1079** | **Melita Cable plc inv.26241621 – Hello Service 08.02.09 to 07.03.09** | **156.05** | **5903** |
| **1080** | **Water Services Corp inv.10750071-8 Gżira Gardens 17.06.08 – 22.09.08** | **911.76** | **5904** |
| **1081** | **Water Serv. Corp inv.10750114-6 Promenade Gardens 17.06.09 to 22.09.08** | **151.38** | **5905** |
| **1082** | **Zammit Developers Ltd inv.dated 20.03.09 Rampa Act. Centre** | **116.47** | **5854** |
| **1083** | **Melita plc inv.26294226 Feb. 09** | **23.40** | **5906** |
| **1084** | **J.F. Mallia Ltd. Inv. 128 – 30 Bin Rings material & Labour** | **375.00** | **5907** |

| | TcTc | MICS |
|---|---|---|
| Course Name | etfal | Computer Kids, pre-teens; adults |
| Applicants | from 5 to 10 years | 5 to 10 years, 11 to 16 years, 17+ |
| Classes | 5-6 yrs; 7-8 yrs; 9-10yrs | |
| Duration | 10 contact hours - 2 hours weekly | 10 contact hours - 2 hours weekly |
| Portal | etfal website | |
| Deadline of Confirmation by Council | End of March 2009 | End of March 2009 |
| Promotional Campaign | distributed between April - May 2009 | End of May 2009 |
| Promotional Material | provided by TcTc | provided by MICS |
| Distribution of Promotional Material | paid by Local Council | paid by Local Council |
| Deadline for Applicants | mid-June 2009 | mid-June 2009 |
| Meeting with Parents | till end of June 2009 | |
| Setting up of Centres | till end of June 2009 | till end of June 2009 |
| Parental Seminars | mid July to end of July 2009 | |
| Parental Seminars Duration | 2 hours once | 2 x 2hours before and after courses |
| Course Commencement | 19 August to 15 Septemebr 2009 | beginning of July 2009 till the 1st week of August 2009 |
| Hardware Installation | by TcTc 10 to 12 machines | by MICS 10 machines |
| Classroom Equipped | recommended to have A/C | recommended to have A/C |
| Schedule of classroom usage | 8 - 12 hours daily and Saturday mornings | |
| Insurance Purposes | centre to be insured - not more than Euro 5,000.00 | centre to be insured |
| Payment to Notes | Euro 10.00 per applicant | Euro 10.00 per applicant |
| Payment Terms | Euro 1,100.00 maximum 150 applicants to be paid in full before commencement of printing of material and promotion | Euro 1,100.00 maximum 150 applicants combined for 3 courses mentioned to be paid in full before commencement of printing of material and promotion |
| Extra Charges | Euro 10.00 per applicant over the maximum no + Euro 10.00 for notes<br>Euro 25.00 per non residential applicant + Euro 10.00 for notes | Euro 10.00 per applicant over the maximum no + Euro 10.00 for notes |
| Consessions | less than 50 applicants Euro 850.00<br>50 applicants and over Euro 1,100.00 | less than 50 applicants refund to Council Euro 250.00 |
| Late Application Fee | Euro 25.00 per applicant + Euro 10.00 for notes | |
| Back Office Support to Council | provided by TcTc | provided by MICS |
| Other Courses | discounted to residents | discounted to residents |
| Certifications | provided by TcTc | provided by MICS |

N.B. Confirmed with Carla of TcTc that Euro 1,100.00 is for etfal only, i.e. limited to children between 5 to 10 years. For elderly a separate contract has to follow with same conditions to apply, hence another Euro 1,100 has to apply